**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 167**

L-Erbgħa, 8 ta' Novembru 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.02 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg u l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol l-Onor. Clyde Caruana kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Alex Borg kien imsiefer fuq xogħol tal-partit.

L-Onor. Chris Said kien skużat.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, l-Onor. Ivan Bartolo, l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici u l-Onor. Stephen Spiteri kienu assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 166 li saret fit-8 ta' Novembru 2023 kienu konfermati.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li s-Sedja laqgħet it-talba tal-Onor. Katya De Giovanni sabiex tidher bħala skużata fil-Minuti tas-Seduta 162 tal-31 ta' Ottubru 2023, u kienet qiegħda tordna illi ssir il-korrezzjoni relattiva fl-imsemmija Minuti.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2493 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Carmelo Abela u tal-Onor. Charles Azzopardi fil-laqgħa interparlamentari tal-kumitati dwar skambju u riflessjoni dwar l-aħjar prattiċi fil-koperazzjoni fuq petizzjonijiet fil-parlamenti nazzjonali, li nżammet ġewwa l-Parlament Ewropew ġewwa Brussell fl-20 ta' Settembru 2023; u

P.L. 2494 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. David Agius, l-Onor. Carmelo Abela u tal-Onor. Graziella Attard Previ fis-66 Konferenza Parlamentari tal-Commonwealth li nżammet ġewwa Accra, il-Ghana, bejn it-30 ta' Settembru u s-6 ta' Ottubru 2023.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 11210 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2495 Informazzjoni dwar konsulenti ingaġġati mal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali fil-perjodu bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12783;

f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2496 Informazzjoni dwar konsulenti ingaġġati mal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali fil-perjodu bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 12782;

f'isem il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2497 Policy tal-Awtorità tad-Djar bl-isem 'Lease Conditions for Properties Allocated for Social Accomodation', bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11369;

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2498 Management Agreement bejn l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u l-Ministru għal Għawdex għall-immaniġġar tal-Fanal tal-Ġordan fl-Għasri li ġie ffirmat fid-29 ta' Marzu 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12692;

f'isem il-Ministru għal Għawdex, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2499 Tabella li turi tagħrif dwar applikazzjonijiet għall-fondi mill-Unjoni Ewropea minn entitajiet fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għal Għawdex fl-2023, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 12691;

P.L. 2500 Informazzjoni dwar konsulenti ingaġġati mal-Ministeru għal Għawdex fil-perjodu bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 12895;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2501 Tabella li turi informazzjoni dwar charging stations li kienu offline jew ma jiffunzjonawx bejn Jannar u Ottubru 2023, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 13016;

f’isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2502 Tabella li turi tagħrif dwar it-taxxa medja li ħaddiema minn pajjiżi terzi jħallsu f’Malta maqsuma skont l-industrija, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 12701; u

f’isem il-Ministru għall-Anzjanità Attiva qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2503 Kuntratt bejn il-Gvern ta’ Malta u s-Sur Jorgen Souness għall-kariga ta’ Chief Executive Officer (CEO) fir-Residenza San Vinċenz de Paule, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 13074.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa ta’ dakinhar tal-Kumitat Permanenti dwar il-Familja, l-Onor. Albert Buttigieg se jkun qed jissostitwixxi lill-Onor. Paula Mifsud Bonnici u fil-laqgħa Konġunta bejn il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, l-Onor. Robert Cutajar se jkun qed jissostitwixxi lill-Onor. Mario de Marco.

**PUNT IMQAJJEM MINN ONOR. MEMBRU TAL-KAMRA**

L-Onor. Albert Buttigieg ġibed l-attenzjoni tas-Sedja illi l-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, għal diversi drabi naqas milli jwieġeb għall-mistoqsija parlamentari tiegħu 13082 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta’ ftehim bejn l-Awtorità tal-Ippjanar, l-Awtorità tat-Turiżmu u l-applikant.

Is-Sedja ħadet nota tal-punt imqajjem u rreferiet lill-Membru għal diversi rulings fejn is-Sedja rrimarkat illi hija ma tistax tindaħal fuq ir-risposta tal-Ministru, imma tissuġġerixxi li jkun hemm risposta.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ESTIMI ĠENERALI 2024 – KUMITAT TA’ PROVVISTA – IT-TIENI SEDUTA STABBILITA**

Il-Kamra marret f’Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

L-Onor. David Agius, Deputy Speaker, ippreseda.

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, ressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

**VOT 13 - MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI**

Illi s-somma ta’ mhux iżjed minn €70,719,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 13 - Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta’ Nefqa għas-sena 2024.

**VOT 14 - GVERN LOKALI**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €61,489,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 14 – Gvern Lokali, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT V - MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €41,070,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot V - Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

Id-Deputy Speaker informa lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, il-ħin tad-diskussjoni kellu jkun ta' tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Fl-4.36 p.m. beda l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u l-Onor. Julie Zahra ressqet din l-emenda:

**VOT 13 - MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U GVERN LOKALI**

***Personal Emoluments***

***Item 11 - Holders of Political Office***

Ħassar iċ-ċifra "€105,985" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€105,982".

*Delete the figure "€105,985" and substitute therefor the figure "€105,982".*

Fis-18.03 p.m. skada l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u beda l-ħin disponibbli għall-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Julie Zahra, l-Onor. Darren Carabott u l-Onor. Graham Bencini għan-naħa tal-Oppożizzjoni, u l-Onor. Owen Bonnici, l-Onor. Alison Zerafa Civelli, l-Onor. Romilda Zarb u l-Onor. Davina Sammut Hili għan-naħa tal-Gvern.

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2504 Report of the Evaluation Body on its work in 2023 tal-UNESCO – Item 8 of the Provisional Agenda - li ltaqa' f'Pariġi fis-6 ta' Novembru 2023; u

P.L. 2505 Examination of nominations for inscription on the Representative List of the Intangible Cultural Heritage of Humanity tal-UNESCO - Item 8.B of the Provisional Agenda – li ltaqa' f'Pariġi fis-6 ta' Novembru 2023.

Il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali rrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kienu posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

**AĠĠORNAMENT**

Fis-7.32 p.m. il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali ppropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tnejn, 13 ta' Novembru 2023 fid-9.00 a.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

Estimi Ġenerali 2024 - Kumitat ta' Provvista

**It-Tielet Seduta Stabbilita – Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni**

Vot 41 - Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni
Vot 42 - Edukazzjoni
Vot XVIII - Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni – Kapital

*Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura 183 tal-31 ta' Ottubru 2023:*

**MOZZJONIJIET**

L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda varji liġijiet dwar ir-rikavat mill-kriminalità

L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili

Mozzjoni dwar trasferiment ta' art lil Żabbar St Patrick Football Club

Jew xi aġenda oħra li tista' tiġi komunikata aktar tard.

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, il-ħin tad-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni kellha tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

L-Onor. Owen Bonnici informa wkoll lill-Kamra li din is-seduta se tkun mingħajr mistoqsijiet parlamentari u li l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Fis-7.33 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. DAVID AGIUS**
**DEPUTY SPEAKER**